**12 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

Ċensu Vella

**Intimidazzjoni — "Strike" — "Trade Dispute" — "Animus Consulendi" — Piena — Karċerazzjoni Preventiva — Art. 20 u 24 tal-Ordinanza IV tal-1945.**

*Huwa leċitu li ħaddiem jipperswadi lill-sieħbu ħaddiem biex jieħu parti fi "strike"; imma ma hux leċitu li dak l-istess wieħed jhedded lill-ħaddiem sieħbu bi vjolenza fekk ma jaċċettax li jkompli ma' li "strike"; għaliex, għalkemm fl-iżvilupp industrijali ġiet ammessa li "strike weapon", fil-każ ta' "trade dispute", u mhux fil-każ ta' kwistjoni politika, dan ma seta' qatt ifisser illi, meta jkun hemm "strike", allura hu leċitu li wieħed jagħmel kull att li jrid daqs kieku l-liġi kriminali ma teżistix aktar. Għaldaqstant, meta l-*

*Imputat hu akkużat li ntimidixxa persuni oħra bil-ħsieb li jġiegħlhom jagħmlu xi ħaġa, jew li jġiegħlhom ma jagħmlux xi ħaġa, li huma għandhom il-jedd bil-liġi li ma jagħmlux jew li jagħmlu, ma hemmx għalfejn jiġi kunsidrat mill-Qorti jekk li "strike" sarx minħabba "trade dispute" jew le, għaliex, anki jekk kienet "trade dispute", ma humiex permessi attijiet repressi mill-istess liġi li tippermetti li "strikes".*

*Mhix aċċettabbli l-allegazzjoni tad-difża li l-imputat ma għamelx ħlief ta parir innoċenti u amikevoli lil dawk in-nies l-oħra biex dawn iżommu mix-xogħol sabiex ma jġrilhomx ħsara. jekk il-fatti, vaiutati fid-dawl tal-liġi u fuq l-isfond taċ-ċirkustanzi kollha anteċedenti, konkomitanti u susseġwenti, juru li l-aġir tal-imputat kien jikkostitwixxi intimidazzjoni.*

*L-istess liġi speċjali li tippermetti li "strikes" tikkunsidra bħala reat l-att ta' bniedem li jintimidixxi ieħor; u l-istess liġi tiddefinixxi l-intimidazzjoni bħala l-att ta' min joħloq fil-moħħ ta' persuna oħra apprensjoni raġjonevoli ta ħsara għalieh jew għal xi membru tal-familja tiegħu jew għal xi ħadd mid-dipendenti tiegħu, jew ta' vjolenza lil xi persuna jew proprjetà. U din il-minaċċja ta' perikolu tista' tkun mhux biss espressa, imma anki impliċita. Jekk mbgħad kienx hemm dan it-theddid, espress jew impliċitu, hija kwistjoni ta' fatti u tal-apprezzament tagħhom mill-Qorti.*

*Jekk l-imputat, qabel u fil-kors tal-kawża, kien arrestat, il-Qorti t'sta' fid-diskrezzjoni tagħha tordna illi fil-perijodu tal-espjazzjoni tal-piena m'nnha nflitta jiġi komputat il-perijodu tal-karċerazzjoni preventiva.*

Il-Qorti:— B'sentenza tagħha tat-2 ta' Mejju 1958, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imputat ħati talli, bil-ħsieb li jġiegħel lil xi ħadd ieħor li ma jagħmelx jew li jagħmel xi ħaġa illi dan il-bniedem ieħor għandu jedd, b'liġi, li jagħmel jew ma jagħmelx, bla ħaqq u mingħajr setgħa tal-liġi, intimidixxa diversi bnedmin, u baqa' jsus warajhom minn post għall-ieħor; u wara li ddikjarat assorbit f'dawn ir-reati r-reat dedott u pruvat ta' inċitament għall-vjolazzjoni tal-liġi, ikkundannat lill-impu-

tat għall-piena tal-priġunerija għal żmien tnejn u tletin ġurnata;

L-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Bin-nota tiegħu fol. 16 l-imputat issolleva l-preġudizzjali hemm imsemmija, li ġiet eskluża minn din il-Qorti bis-sentenza tagħha tal-10 ta' Mejju 1958;

Trattat l-appell fil-meritu, din il-Qorti kkunsidrat;

L-eżami bir-reqqa tal-provi jġib li, skond il-preponderanza attendibbli tax-xhiediet mismugħa, l-imputat, fl-okkażjoni ta' li strike tat-28 ta' April li għadda, mar Kingsgate minn kmieni ferm, għal xi s-sitta u kwart ta' filgħodu, x'ħin bdew jaħdmu l-buses tal-linja, u qagħad idur wara s-Surġent Mallia u surġent ieħor, tant li s-Surġent Mallia keċċieh. Mbgħad illarga. Ftit wara, ċjoè għal xi s-7.15 a.m., jew is-sebgħa u nofs tal-istess għodwa, reġa' tfaċċa fl-istess post, u ngħaqad mal-folla ta' xi ħamsin ruħ li sadattant kienet inġabret. Il-buses kienu dak il-ħin qegħedin jaħdmu regolarment, jgħabbu u jitilqu. L-imputat beda jgħid lid-drivers dawn il-kliem:— "Żarmaw għax jaqblilkom. Aħjar tmorru mal-familja flok ma tmorru korruti. Morru żarmaw, għax inkella jkissrulkom il-karrozzi, u dabbru raskom". X'ħin il-karrozzi tat-terminus tan-naħa tal-Phoenicia Hotel sfrattaw, l-imputat mar għan-naħa tal-karrozzi ta' tas-Sliema, u rripeta l-aġir tiegħu. X'ħin dawn sfrattaw ukoll, l-imputat mbgħad instema jgħid "Immorru għal ta' Kastilja"; anki hemm hu kien f'nofs folla ta' nies. Id-drivers tal-buses ta' Kastilja kienu raw lid-drivers tal-buses ta' Porta Rjali sejrin; u għalhekk anki huma kienu neżlin l-isfel biex ma jaħdmux. Il-folla, li fiha kien l-imputat, laħqithom neżlin, u l-imputat qalilhom "Morru bilkwiet; aħna Maltin; isimgħu minni". Hu okkupa ruħu f'dawn l-attivitajiet, "ex confessis", minn xi s-sitta u kwart ta' filgħodu sa xi t-tmienja u nofs jew id-disgħa neqsin kwart ta' filgħodu. Meta l-karrozzi ta' Kingsgate u ta' Kastilja refgħu mix-xogħol, l-imputat mar jieħu xi *rinfresk*, mbgħad ħareġ mal-karrozzi tal-General Workers' Union, u qassam magħhom ir-Raħal Ġdid, il-Marsa u l-Furjana, "lea-

flets" li fihom kien hemm stampat il-kliem "Malta tobdi lill-G.W.U., u mhux lill-Gvernatur". Ix-xhud Swain, li, jekk xi haġa, ħaffef id-doża, qal li ra lill-imputat talment attiv mal-karrozzi, li kien bil-pitazz li kellu f'idu (li l-imputat jgħid li ħareġ bih biex jiġbor materjal għal artikolu fil-ġurnal), u bejn il-ġiri tiegħu l-hawn u l-hemm, dan ix-xhud ħasbu "despatcher" tat-traffiku;

Ikkunsidrat;

Il-kundanna, li minnha hemm l-appell, hi bażata fuq l-art. 23(1) (a) u (b) tal-Ordinanza IV tal-1945. Id-difiża invitat lill-Qorti biex tidħol fil-pont jekk dan li strike huwiex "trade dispute" jew le. Fil-fehma tal-Qorti, din il-kwistjoni hi ożjuża f'dan il-każ, għaliex anki fit-"trade dispute" ma humiex permessi l-attijiet repressi mill-istess Ordinanza fuq ċitata bħala reati. F'dan is-sens jgħidu l-awturi Vester and Gardner, "Trade Unions and the Law", paġ. 61, illi:— "It is fair and reasonable to try to persuade a fellow workman to join in a strike. It is improper to threaten him with violence if he refuses". U hu naturali li jkun hekk; għaliex, għalkemm fl-iżvilupp industrijali ġiet ammessa li "strike weapon", dejjem, s'intendi, fil-każ ta' "trade dispute", u mhux f'każ ta' kwistjoni politika, dan ma seta' qatt ifisser, u ebda "text-writer" jew deċiżjoni in materja qatt ma waslu biex jgħidu, illi, meta jkun hemm strike, allura hu leċitu li wieħed jagħmel kull att li jrid daqs kieku l-liġi kriminali ma teżistix aktar;

Ikkunsidrat;

Id-difiża ssottomettiet li l-imputat ma għamelx ħlief ta parir amikevoli u innoċenti lid-drivers tal-buses biex dawn iżommu mix-xogħol sabiex ma jiġrilhomx ħsara;

Però, din il-Qorti tħossha ċerta li d-difiża taqbel magħha li l-fatt għandu jiġi valutat fid-dawl tal-liġi u fuq l-isfond taċ-ċirkustanzi kollha antecedenti, konkomitanti u sussegwenti;

Fatt hu li l-liġi — u għandu jiġi notat li din mhijiex il-liġi ġenerali imma proprju l-liġi speċjali f'din il-materja

ta' strikes — tikkunsidra bħala reat l-att ta' bniedem li jintimidixxi ieħor. U ma jistgħax ikun hemm ebda dubju fuq is-sens tal-kelma "intimidation"; għax il-liġi stess tagħti d-definizzjoni tagħha fl-art. 20 b'dawn il-kliem:— " 'To intimidate' means to cause in the mind of a person a reasonable apprehension of injury to him or to any member of his family, or any of his dependants, or of violence or damage to any person or property";

Deċiżjonijiet tal-Qrati Ingliżi in materja (p. 63 loc. ċit.) juru li din it-"threat" tista' tkun mhux biss espressa, imma anki "implied". Issa, hu ovvju li l-kontest li fih l-imputat qal il-kliem fuq riportati kien tali li tabilfors dawk il-kliem kienu jikkreaw fid-driver dik ir-"reasonable apprehension of injury to himself or damage to his property" li tikkontempla l-liġi. L-imputat qal dawk il-kliem x'ħin kienu qegħedin jaslu buses li kienu ġew molestati digà, u għalhekk bi kliemu ma setgħax ħlief iżid fl-animu tad-drivers, diġà titubanti, l-apprensjoni ta' ħsara; it-terren kien fertili, u hu għażel il-mument opportun. Irripeta l-kliem, biex l-effett tagħhom jilħaq jinżel u jieħu. Il-kliem tiegħu kienu ndubbjament qegħedin jipprospettaw lid-drivers l-alternattiva iebsa tal-kontinwazzjoni tax-xogħol jew, altrimenti, ta' ħsara f'persunithom jew fil-buses tagħhom;

Dwar l-intenzjoni tiegħu kriminuża, għas-sens tal-artikolu tal-liġi li taħtu ġie kundannat, ma jistgħax ikun hemm anqas ebda dubju; għaliex il-pertinaċja sistematika tal-imputat, li dik il-għodwa, mill-bidu nett, ippreżenta ruħu fil-qalba tal-buses, qagħad għall-ewwel jistudja s-sitwazzjoni, u mbgħad, x'ħin inġabret il-folla, ingħaqad magħha u beda jinġerixxi ruħu b'attività tali li x'xhud Swain ħasbu "despatcher", wara li nduċa bil-kliem inkriminati lill-buses tan-naħa ta' Bormla li jżommu, ittrasferixxa ruħu għan-naħa tal-buses ta' Tas-Sliema, u hemm irreplika l-aġir tiegħu riprovat mill-liġi "in subjecta materia", mbgħad mar lejn il-Buses ta' Kastilja, sakemm, meta ħass li l-kompitu tiegħu kien eżegwit, mar iqassam il-"leaflets" fuq imsemmija, din il-pertinaċja sistematika tiegħu ma tistgħax ma turix, bla ombra ta' dubju, li l-intenzjoni tiegħu kienet dik li jġiegħel lid-drivers, billi jinkuti fihom dik l-apprensjoni ta' ħsara, li ma jagħmlux dak li kellhom id-dritt, korris-

pondenti għad-dover lilhom impost mill-liġi, ċjoè li jaħdmu, kif fil-fatt kienu sa dak il-ħin qegħedin jaħdmu;

Il-fatti fuq riżultati hu ovvju li jintegraw anki r-reat taħt l-inċiż (b) tal-art. 24 fuq imsemmi; għax l-imputat, kif deher mill-provi, mar minn driver għal ieħor u minn terminus għal ieħor;

Id-difiża għamlet enfasi fuq il-kliem li qal l-imputat, fuq anki rilevati fl-espożitiva tal-fatti misjuba bħala pruvati mill-Qorti, ċjoè "Morru bil-kwiet, aħna Maltin, isimgħu minni". Però, dawn il-kliem intqalu mill-imputat wara li hu kien diġà kkommetta l-att li hu kolpit bħala reat mill-liġi. Anzi kien naturali li, wara li hu rrealizza li l-intimidazzjoni kellha effett, hu jgħid dawk il-kliem konċiljattivi. Meta tela' Kastilja, kif xehed is-Surġent Grech, id-drivers ta' Kingsgate, fejn kien ġa opera b'effett l-imputat, kienu qegħedin jitilqu; id-drivers tat-terminus ta' Kastilja rawhom, u evidentement kienu ddeċidew jagħmlu l-istess ħaġa, tant li l-folla, fosthom l-imputat, laħqithom neżlin. Għalhekk ma kienx il-każ ta' intimidazzjoni ta' dawk id-drivers, imma kien il-każ li jintqalu lilhom il-kliem li ġew rilevati mid-difiża;

Id-difiża osservat ukoll illi, mentri ġew bħala xhieda membri tal-Pulizija, ma nġiebux bħala xhieda d-drivers tal-buses, li skond l-imputazzjoni ġew intimiditi mill-imputat. Ir-raġuni ma hix diffiċili li wieħed jissupponiha; għax l-intimidit li ma jaħdemx jista' jibqa' anki ntimidit li ma jixhedx u jgħid dak li għandu jgħid. Del resto, l-istess dikjarazzjonijiet li għamel bil-fomm l-imputat lill-uffiċjali tal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjoni tal-każ, u x-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, jinkwadraw sostanzjalment, salvi differenzi spjegabbli, iċ-ċirkustanzi li fuqhom ġiet bażata l-imputazzjoni mill-Prosekuzzjoni;

Għalhekk, fil-meritu s-sentenza appellata hija sewwa;

Kwantu għall-piena, din il-Qorti ssibha sewwa, u ma tikkondividix affattu l-opinjoni tad-difiża li r-reat hu tali li jimmerita biss piena pekunjarja; u għalhekk ma tara ebda raġuni biex tnaqqasha; molto pjù li hu ċar li l-Maġis-

trat deċident in prima istanza diġà ħa in konsiderazzjoni l-gradazzjoni li jista' jkun hemm fl-entità tal-fatti, billi ffissa d-durata tal-piena restrittiva għal ferm anqas mill-maximum li setgħet tasal għalieh id-diskretiva tiegħu fil-latitudini li tagħti l-liġi, ċjoè sa tliet xhur;

Kwantu għad-deduzzjoni tal-perijodu tal-karċerazzjoni provviżorja skond l-emendi tal-1947, mitluba mid-difiża, hu mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tikkonċedi t-tnaqqis ta' kull perijodu simili; u ma jidherx li hemm raġunijiet li fiċ-ċirkustanzi tal-każ dan it-tnaqqis ma jiġix ordnat;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, tant fil-meritu kemm ukoll fil-piena;

Tordna li fil-perijodu tal-espjazzjoni tal-piena jiġi komputat il-perijodu tal-karċerazzjoni provviżorja.